



*Dokument ta'sessjoni*

B9-0333/2023 }  
B9-0336/2023 }  
B9-0338/2023 }  
B9-0353/2023 } RC1

12.7.2023

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA**

imressqa skont l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0333/2023 (Verts/ALE)  
B9-0336/2023 (S&D)  
B9-0338/2023 (Renew)  
B9-0353/2023 (ECR)

dwar ir-repressjoni tal-media u tal-libertà tal-espressjoni fil-Kirgistan  
(2023/2782(RSP))

**Tonino Picula, Pedro Marques, Karsten Lucke**

f'isem il-Grupp S&D

**Petras Auštrevičius, Nicola Beer, Izaskun Bilbao Barandica, Dita Charanzová, Olivier Chastel, Bernard Guetta, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Ilhan Kyuchyuk, Karen Melchior, Urmas Paet, Dragoš Pislaru, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein, Dragoš Tudorache, Hilde Vautmans**

f'isem il-Grupp Renew

**Viola von Cramon-Taubadel**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Anna Fotyga, Karol Karski, Ryszard Czarnecki, Witold Jan**

RC\1283187MT.docx

PE748.815v01-00 }  
PE748.818v01-00 }  
PE748.820v01-00 }  
PE748.835v01-00 } RC1

**Waszczykowski, Assita Kanko, Zbigniew Kuźmiuk, Adam Bielan,  
Waldemar Tomaszewski, Joachim Stanisław Brudziński, Eugen Jurzyca,  
Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Anna Zalewska, Carlo Fidanza  
f'isem il-Grupp ECR  
Fabio Massimo Castaldo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-repressjoni tal-media u tal-libertà tal-espressjoni fil-Kirgistan  
(2023/2782(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Kirgistan,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi minn mindu kiseb l-indipendenza fl-1991, il-Kirgistan huwa meqjus bħala l-aktar wieħed demokratiku min-nazzjonijiet tal-Asja Ċentrali, b'soċjetà ċivili vibranti u media ġielsa;
- B. billi f'dawn l-aħħar snin, l-istandardi demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem fil-Kirgistan marru għall-agħar b'mod allarmanti; billi l-Indiċi tar-Reporters Mingħajr Fruntieri tal-2023 jindika li l-pajjiż niżel 50 pożizzjoni u issa qiegħed fil-122 post minn 180 pajjiż;
- C. billi għadd ta' liġijiet qed jintużaw biex irażżu l-media indipendenti u l-espressjoni libera; billi r-Radio Azattyk ġie mġiegħel jagħlaq, il-Kaktus Media qed jiffaċċeja investigazzjoni kriminali, il-ġurnalista investigattiv Bolot Temirov tkeċċa illegalment lejn ir-Russia u d-direttur tan-Next TV Taalaibek Duishenbiev ġie ikkundannat talli kopra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russia kontra l-Ukrajna;
- D. billi fi Frar 2023, il-Kirgistan sar membru tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;
  1. Jistieden lill-awtoritajiet Kirgistani jirrispettaw u jiddefendu l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni, f'konformità mal-Ftehim Imsaħħa ta' Šhubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kirgistan;
  2. Jistieden lill-awtoritajiet Kirgistani u lill-membri tal-Parlament jirrevokaw u jirtiraw il-liġi kontroversjali dwar l-“informazzjoni falza” u jirrevedu l-abbozzi ta' liġijiet dwar ir-“rappreżentanti barranin”, il-“media tal-massa” u l-“protezzjoni tat-tfal minn informazzjoni dannuża”, l-hekk imsejħa “liġi dwar il-propaganda LGBTI”, li huma inkompatibbli mal-impenji internazzjonali tal-Kirgistan;
  3. Jistieden lill-awtoritajiet Kirgistani jeħilsu minnufih lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, lill-ħaddiema tal-media u lill-ġurnalisti kollha detenuti b'mod arbitrarju; iħeġġeġ lill-awtoritajiet, f'dan ir-rigward, jirtiraw l-akkużi kollha kontra Bolot Temirov u Taalaibek Duishenbiev; jitlob, b'mod analogu, li jiġu rtirati l-akkużi kollha kontra d-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi Gulnara Dzhurabayeva, Klara Sooronkulova, Rita Karasartova u Asya Sasykbayeva li talbu trasparenza fir-rigward tad-deċiżjoni tal-gvern li jittrasferixxi il-ġibjun Kempir-Abad lill-Uzbekistan;
  4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet jieqfu milli jeżerċitaw pressjoni bla preċedent fuq ir-Radio Azattyk u mezzi oħra tal-media u jiżguraw ambjent tax-xogħol sikur għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media;

5. Jiddispjaċih dwar it-tkeċċija bikrija reċenti tal-Ombudswoman Atyr Abdrakhmatova; iqis li huwa ta' importanza kritika li l-pajjiż jirrispetta bis-sħiħ il-Principi ta' Pariġi dwar l-istandardi għall-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem;
6. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari d-Delegazzjoni tal-UE fil-Kirgistan, ikomplu jesprimu t-tħassib serju tagħhom dwar id-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż fl-iskambji kollha tagħhom mal-awtoritajiet Kirgistani;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-benefiċċji tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus għall-pajjiż, fid-dawl tal-impenji tal-Kirgistan fil-qafas tal-konvenzjonijiet internazzjonali;
8. Jistieden lill-Gvern tal-Kirgistan joqgħod lura miċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet li l-UE imponiet fuq ir-Russja għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lir-Rappreżentant Speċjalist tal-UE għall-Asja Ċentrali, lill-Istati Membri, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-awtoritajiet Kirgistani.